MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 501/2013

Il-Pulizija

Vs

Franklin Delia

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Franklin Delia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 79785M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-16 ta' Lulju, 2011 f'The Steak House, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl Il-Bahar:

Fuq talba tal-Employment and Training Corporation, talli fis-16 ta' Awwissu, 2011 u qabel din id-data, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig bl-impjieg tieghu ma The Steak House u kien jirregistra ghax-xoghol.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti ddikjarat l-akkuzi bhal preskritti u lliberat lill-akkuzat mill-akkuzi kollha adebitati lilhu

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnhu pprezentat fil-25 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq, tgħaddi biex tiddisponi minn dan il-każ skond il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

Illi fit-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b'mod car u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta illiberat lill-appellat in vista tal-fatt illi l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu kienet preskritta skond il-ligi. Dana meta l-artikolu 53 tal-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi l-preskrizzjoni applikabbli ghal reati taht l-istess Kapitolu hija dik ta' sitt snin.

Illi ghaldaqstant, ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(ii) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell;

Illi jibda biex jigi rilevat illi, ai termini tar-regolament 10 tal-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993, l-piena applikabbli ghar-reat dedott fil-konfront tal-appellat huwa dak ta' multa ta mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) u mhux izjed minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69). Ai termini tal-istess regolament il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta' kull licenzja mizmuma minn min ikun ghamel ir-reat u li tkun relattiva ghal xi kummerc jew negozju, jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn ikun impjegati persuni u dana b'mod addizzjonali ghall-impozizzjoni tal-multa sureferita;

Illi fid-dawl tal-principju fundamentali tal-ligi taghna li '*lex specialis derogat generali'*, meta wiehed jigi biex jiddettermina liema huwa z-zmien ta' preskrizzjoni applikabbli ghar-reat hawn fuq imsemmi, ghandha fl-ewwel lok ssir referenza ghar-regolamenti fl-istess Avviz Legali li jikkostitwixxu r-reat suggett tal-proceduri odjerni, fil-kaz odjern l-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993. Fin-nuqqas ta' disposizzjoni f'dan is-sens fl-imsemmi Avviz Legali (hekk kif inhu fil-kaz odjern) ghandha ssir referenza ghall-ligi principali illi tahtha tkun giet promulgata l-ligi sussidjarja, fil-kaz odjern l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u Tahrig, Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa biss fin-nuqqas ta' disposizzjoni li tirregola l-preskrizzjoni f'dan l-Att, illi tkun trid issir referenza ghad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Dana qieghed jinghad il-ghaliex fil-kaz odjern dak stipulat rigward il-preskrizzjoni fl-Avviz Legali sureferiet u fil-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ikkunsidrat bhala *lex specialis* meta ikkumparat mad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali;

Illi b'referenza ghal kaz odjern, hekk kif gia gie suespost, ghalkemm l-Avviz Legali ma jistipula l-ebda perjodu ta' preskrizzjoni, l-Att principali u cioe' l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u Tahrig, fl-atikolu 53 jistipula illi:

> ***"Minkejja kull ligi ohra***[1], *il-procedimenti ghal reat taht dan l-Att* ***jistghu jinbdew f'kull zmien gheluq is-sitt snin mill-eghmil tar-reat".***

Fil-fatt hija dicitura tal-istess artikolu, u cioe` "*minkejja kull ligi ohra*", illi espressivament teskludi l-applikazzjoni ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali ghar-reati stipulati taht l-Att dwar is-Servizzi tal-Impjieg u Tahrig. B'hekk l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli ghar-reat suggett ghall-proceduri odjerni huwa dak ta' sitt snin ai termini tal-artikolu hawn fuq citat u mhux ta' sentejn hekk kif stipulat fl-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali;

[1] Emfazi tal-esponent

Illi di piu' u ghal kull boun fini jrid jinghad ukoll illi d-disposizzjonijiet tal-Att principali fir-rigward tar-reati ai termini tal-istess Att (partikolarment fir-rigward tal-pieni u preskrizzjoni) japplikaw sahansitra ghar-reati stipulati fir-regolamenti kollha maghmula taht l-imsemmi Att principali u cioe' Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana qieghed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-artikolu 54 tal-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti l-poter lill-Ministru jaghmel regolamenti taht dan l-istess Att, jistipula fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu s-segwenti:

> *Is-setgha tal-Ministru li jaghmel regolamenti taht xi disposizzjoni ta' dan l-Att ghandha tinkludi s-setgha li jistabbilixxi l-pieni dwar xi ksur jew kontravvenzjoni taghhom jew xi nuqqas ta' tharis taghhom:*
>
> *Izda dawk il-pieni ma jistghux ikunu aktar minn multa ta' efejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u teletin centezmu (2,329.37) jew prigunerija ghal aktar minn tliet xhur.*[2]

Illi ghaldaqstant jirrizulta bl-iktar mod car illi l-piena massima ghad-delitti stipulati kemm fl-Att principali kif ukoll fir-regolamenti kollha maghmula taht l-istess Att (inkluz l-AL 110/93) ghandha tkun dik stabbilita ai termini tal-artikolu 54(2) tal-Att. B'hekk isegwi illi l-preskrizzjoni applikabbli ghar-reati kemm taht l-Att principali kif ukoll taht ir-regolamenti maghmula taht l-istess Att hija dik stipulata fl-artikolu 53 tal-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana galadarba l-piena massima possibli ghal kwalunke reat stipulat fir-regolamenti maghmula taht Att dwar is-Servizzi ta' l-Impjieg u Tahrig hija ukoll stipulata fl-istess Att principali;

Illi ghaldaqstant, galadarba l-Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula perjodu ta' preskrizzjoni ta' sitt snin, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt taghmel referenza ghad-disposizzjonijiet li jirrigwardjaw il-preskrizzjoni fil-Kodici Kriminali u tghaddi sabiex tiddikjara r-reat suggett ghall-proceduri odjerni bhala preskrit galadarba is-sitt snin mill-eghmil tar-reat (cioe' f'Awwissu 2011) stipulat fl-artikolu 53 tal-Kap. 343 ghadhom ma ddekorewx.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fis-sittax (16) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) l-ispetturi tal-ETC ghamlu spezzjoni fil-fond maghruf bhala "The Steak House", Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar u hemmhekk sabu lil Franklin Delia illi waqt illi kien qieghed

[2] Emfazi tal-esponent

jirregistra gahx-xoghol mal-Korporazzjoni huwa kellu impjieg iehor ma' din l-azjenda u naqas illi javza lill-Korporazzoni b'dan l-impjieg. Ghalhekk ressquh quddiem il-Qorti b'sentenza tal-hamsa (5) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuza peress illi deherilha illi l-azzjoni kienet preskritta skont il-ligi.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-aggravju tieghu kien ghall-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx taghmel riferenza ghall-Kodici Kriminali ghat-terminu ta' preskrizzjoni izda minflok kellha taghmel riferenza ghall-artikolu 53 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-appellat huwa mixli bi ksur tar-regolament 3 u 10 tal-Avviz Legali numru 110/1993 li saru bis-sahha tal-Att principali, Kapitlu 343 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 54 ta' dan il-Kap jaghti poter lill-ministru jaghmel regolamenti taht l-istess Att. Dan jinkludi s-setgha li jistabilixxi l-pieni dwar xi ksur jew kontravenzjoni jew nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti maghmula. L-istess artikolu jkompli jistipula illi dawn il-pieni ma jistghux jeccedu elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew prigunerija ghal aktar minn tlett xhur. Ghalhekk bhala "lex specialis" din il-Qorti jidhrilha illi ghandu japplika t-terminu tal-artikolu 54(2) tal-Kap 343 li jistipula perjodu ta' preskrizzjoni ta' tlett (3) snin. L-appellat argumenta quddiem il-Qorti illi meta l-ligi mhiex cara l-Qorti ghandha tmur ghal perjodu preskrittiv l-anqas oneruz ghall-appellat f'liema kaz allura l-ewwel Qorti ghamlet sew illi applikat id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 688(2) tal-Kap 9.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma tara xejn nebuluz fil-Kap 343 tal-Ligijiet ta' Malta, specifikatament l-artikolu 53 li huwa car li ma jhalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni. Huwa dak l-artikolu li ghandu jigi applikat ghall-fini ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni. Dan jghid "Minkejja kull ligi ohra l-procediment ghal reat taht dan l-Att jistghu jinbdew f'kull zmien gheluq is-sitt snin mill-ghemil tar-reat." Id-dicitura ta' dan l-artikolu u cioé "Minkejja kull ligi ohra," qieghda tirreferi ghall-Kodici Kriminali u l-artikolu 688 tal-preskrizzjoni, li f'dan il-kaz allura m'ghandhomx japplikaw u ghandu japplika dan it-terminu ta' sitt (6) snin imsemmi fil-Kap 343. Ir-reat allegatament sar fis-sittax (16) ta' Lulju tal-elfejn u hdax (2011) u l-appellat gie notifikat fl-ewwel (1) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013). Kwindi t-terminu preskrittiv ma kienx ghadu skada u l-appellat seta' gie processat regolarment quddiem il-Qorti.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun u l-appell tieghu misthoqq li jkun milqugh. Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, tiddikjara illi l-azzjoni kontra l-appellat Franklin Delia mhiex preskritta u tordna illi l-atti jintbghatu lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tigi mismugha u tratat u deciza fuq il-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------